DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 118/2010

tal-10 ta' Novembru 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/251/KE tas-17 ta' Marzu 2009 li titlob lill-Istati Membri jiżguraw li prodotti li fihom il-bijoċidju dimethylfumarate ma jitqegħdux fis-suq jew ikunu disponibbli fih ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/153/UE tal-11 ta' Marzu 2010 li ġġedded il-validità tad-Deċiżjoni 2009/251/KE li titlob lill-Istati Membri jiżguraw li prodotti li fihom il-bijoċidju dimethylfumarate ma jitqegħdux jew ikunu disponibbli fis-suq ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 3 m (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/357/KE) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim:

"3n. **32009 D 0251**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/251/KE tas-17 ta' Marzu 2009 li titlob lill-Istati Membri jiżguraw li prodotti li fihom il-bijoċidju dimethylfumarate ma jitqegħdux fis-suq jew ikunu disponibbli fih (ĠU L 74, 20.3.2009, p. 32), kif emendata b':

— **32010 D 0153**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/153/UE tal-11 ta' Marzu 2010 (ĠU L 63, 12.3.2010, p. 21)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/251/KE u 2010/153/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 31.
([2]) ĠU L 74, 20.3.2009, p. 32.
([3]) ĠU L 63, 12.3.2010, p. 21.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.